# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn**
**Sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru 996/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Argus Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

**International Insurance Brokers Limited (C-12735)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 21 ta' Ottubru 2019, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Is-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' esponenti fl-ammont ta' sbatax-il elf, mitejn, tlieta u erbgħin ewro u erba' u disgħin ċenteżmu (€17,243.94), rappreżentanti ħlasijiet ta' premia dovuti lis-soċjeta' attriċi għall-poloz tal-assikurazzjoni tat-tip motor, household u general business, maħruga lil terzi b'intervent tas-soċjeta' intimata qua broker.*

    2. *Għalkemm is-soċjeta' esponenti interpellat kemm il-darba lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas l-imsemmi ammont, anke permezz ta' ittra uffiċjali, hija baqgħat inadempjenti.*

> 3. *Id-dejn dovut mis-soċjeta' intimata huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma ta-soċjeta' esponenti, is-soċjeta' intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talbiet attriċi.*
>
> 4. *Għalhekk jeżistu l-elementi kollha meħtieġa mill-liġi skont l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ.*
>
> *Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tirriżulta meħtieġa, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*
>
> 1. *Tiddeċiedi l-kawża skont it-talba, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> 2. *Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' esponenti fl-ammont ta' elf, mitejn, tlieta u erbgħin ewro u erba' u disgħin ċenteżmu (€17,243.94);*
>
> 3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' esponenti l-ammont ta' sbatax-il elf, mitejn, tlieta u erbgħin ewro u erba' u disgħin ċenteżmu (€17,243.94).*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċali 166A bin-numru 113/17, u bl-imgħaxijiet kummerċjaii bl-ogħla rata permessibbli bil-liġi sal-pagament effettiv.*

2. Rat illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata bl-affissjoni ġewwa l-Għassa tal-Msida, il-Kunsill Lokali tal-Msida u ġewwa Andrews Flats, Flat 1, Triq H Calleja Schembri, Msida fid-19 ta' Diċembru 2019.

3. Rat illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata bil-pubblikazzjoni fuq il-gazzetta The Malta Independent tal-10 ta' Jannar 2020 u l-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Diċembru 2019.

4. Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2020, is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat nota illi bija irriduċiet it-talba kontra s-soċjeta' intimata għall-ammont ta' erbatax-il elf, ħames mija u tmienja u sittin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€14,568.24).

5. Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2020, is-soċjeta' intimata, rappreżentantata minn Matthew Hayes, ippreżentat Nota ta' Ammissjoni għat-talba kif ridotta.

6. Rat illi l-partijiet talbu illi tingħata sentenza abbażi ta' tali ammissjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat in-nota ta' riduzzjoni tas-soċjeta' rikorrenti,

Wara illi rat in-nota ta' ammissjoni tas-soċjeta' intimata

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi,

**Tilqa'** t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif ridotti; u għalhekk

**Tiddikjara** li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbatax-il elf, ħames mija u tmienja u sittin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€14,568.24), għar-raġunijiet kif indikati fir-rikors promotur, u għalhekk

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' erbatax-il elf, ħames mija u tmienja u sittin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€14,568.24).

**Bl-ispejjeż** u **bl-imgħax** kif mitluba mis-soċjeta' rikorrenti kontra s-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**